# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D. – AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. ABIGAIL LOFARO LL.D.**

**ONOR. JOSEPH ZAMMIT McKEON LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 30 ta' Novembru, 2017**

**Att ta' Akkuża Nru. 1/2006**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

vs

David *sive* David Norbert **SCHEMBRI**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fil-11 ta' Frar, 2006, kontra David *sive* David-Norbert Schembri li bis-saħħa tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużah, fl-Ewwel Kap, li fit-tlieta (3) ta' Mejju, elfejn u erbgħa (2004) mar għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30 p.m.) fejn kienet toqgħod il-*partner* tiegħu Josette Scicluna, San Ġwann. Illi r-relazzjoni tagħhom kienet fi kriżi għal xi żmien. Li huwa mar armat b'pistola u f'mument minnhom spara fuq is-serratura tal-bieb u daħal fejn kienu joqogħdu Josette Scicluna u bintu. Illi kif rat hekk, Josette Scicluna

ippruvat tiddefendi ruħha iżda David (David-Norbert) Schembri ħataf sikkina u beda jagħtiha, dolożament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, diversi daqqiet, inkluż f'postijiet vitali ta' ġisimha, u ikkaġunalha l-mewt. Illi b'għemilu l-imsemmi David (David-Norbert) Schembri sar ħati t'omiċidju volontarju u cioe' talli dolożament bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, ikkaġunalha l-mewt. Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi David (David-Norbert) Schembri ħati ta' omiċidju volontarju u cioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, ikkaġunalha l-mewt; u talab li jingħamel skond il-liġi kontrih u li jkun ikkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru skond dak li hemm u jintqal fl-Artikolu 211(1)(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat. Akkużah, fit-Tieni Kap, illi fiż-żmien u taħt iċ-ċirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża, u cioe' fit-3 ta' Mejju, 2004, għall-ħabta tas-6.30 p.m. u xi ħin qabel f'San Ġwann kellu f'idejh u fuqu arma tan-nar (pistola) u munizzjon mingħajr id-debita liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Hu fil-fatt anke spara dil-pistola fuq il-bieb ta' barra tar-residenza ta' Josette Scicluna. Illi b'għemilu huwa sar ħati talli mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu. Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lil David (David-Norbert) Schembri ħati talli mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu; u talab li jingħamel skond il-liġi kontrih u li jkun kundannat għall-piena ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 3(1A), 19 u 27 tal-Kap 66 u fl-artiklu 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat;

2. Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Jannar, 2009, li bis-saħħa tagħha, wara li dik il-Qorti (a) rat il-verdett tal-ġurati ta' dakinhar li bih sabu lil David (David-Norbert) Schembri bi tmien (8) voti kontra wieħed (1) ħati skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża u unanimament ħati tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża; (b) sabet lill-imsemmi David (David-Norbert) Schembri (i) ħati talli fit-3 ta' Mejju, 2004, għall-ħabta tas-6.30 p.m u xi ħin qabel f'San Ġwann, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġuna l-mewt ta' Josette Scicluna, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża u (ii) talli fit-3 ta' Mejju, 2004, għall-ħabta tas-6.30 p.m. u xi ħin qabel f'San Ġwann, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pusses jew kontroll tiegħu jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;

3. Rat li l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 211 (1) u (2), 17(a), 31 (1) (e) u 533 tal-Kodiċi Kriminali w l-artikoli 2, 3 (1A) 19 u 27 tal-Kap 66 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħati David sive David-Norbert Schembri għall-piena ta' priġunerija għal għomru bir-reklużjoni għal tliet (3) perijodi. Minbarra dan, ikkundannatu jħallas lir-Reġistratur tal-Qrati s-somma ta' sebat elef, seba' mija, tnejn u għoxrin Euro w sitta w tletin ċenteżmi (€7722.36), import tal-ispejjeż peritali inkorsi fil-kawża. Ordnat ukoll il-konfiska tal-arma (*revolver* esebit) u l-munizzjon, kemm dak li laħaq ġie sparat kif ukoll dak li kien għadu ma ġiex sparat u tas-sikkina w il-manku esebiti;

4. Rat li l-Ewwel Qorti waslet għall-imsemmija deċiżjoni wara li fliet l-atti proċesswali, rat il-fedina penali u semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet, magħduda l-avukat tal-parti ċivili, dwar il-piena. B'mod partikolari, hija qieset : "*1. li l-verdett ma kienx unanimu w għalhekk il-piena ta' għomor ma kienitx waħda tassattiva w il-Qorti setgħet tagħti piena aktar baxxa; 2. li kien il-ħati stess li wara l-inċident kien mar l-għassa ta' San Ġwann u għalhekk ta ċans lill-Pulizija li tmur fuq il-post minnufih. Dan kien każ ta' ko-operazzjoni bikrija w parteċipazzjoni pożittiva biex forsi s-sitwazzjoni li kien ħoloq tiġi "reversed". 3. illi hu tul il-kawża żamm l-isem tajjeb tal-vittma; 4. li d-difiża kienet leali w ma qagħditx tinvoka eċċezzjonijiet oħra futili bħal leġittima difesa; 5. li kif qal l-espert Dr. Scerri, l-ħati żgur ma kienx jaf fejn kienet l-arterja vitali li ntlaqtet b'waħda mill-feriti li kien għamel; 6. għalkemm il-ħati kellu kondotta refrattarja, f'dan il-każ, ma kellu ebda addebitu tar-reċidiva; 7. illi d-difiża m'għandhix dubju li bint il-ħati batiet trawma f'dan il-każ; 8. li l-ħati ma kienx qed jitlob ħniena imma kien qed jitlob ġustizzja; 9. għalhekk talab li l-Qorti tuża' l-fakulta' li tagħtiha l-Liġi w ma tapplikax il-piena ta' għomor il-ħabs.*

"*Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara, li jinsabu kollha reġistrati w senjatament :- 1. li l-espert Dr. Scerri kien qal ukoll li qabel ma mietet il-vittma kienet għaddiet minn martirju w li l-ħati kien għamillha feriti fuq il-parti ġenitali tagħha, fuq sidirha w f'wiċċha biex jisfreġjaha. Dan kien każ ta' krudelta' estrema li ġie kommess fil-presenza ta' bintu stess; 2. li l-użu ta' l-armi, kemm jekk dawn ikunu armi tan-nar kif ukoll jekk dawn ikunu skieken, skond l-insenjatament tal-Qorti tal-Appell Kriminali għandu jiġi punit estremament u serjament; 3. li l-ġurati ma kinux jafu bil-każijiet ripetuti ta' droga w anki ta' feriti gravi fuq persuna oħra li tagħhom kien instab ħati David Norbert Schembri; 4. li l-ħati ma kien wera ebda ħniena ma' din il-mara fraġli li kienet ġo darha għall-affari tagħha tagħti l-ikel lil bintha w hu daħal ġo darha b'pistola w kwantita' ta' bullets u aggrediha darbtejn. Kien rari f'din il-Qorti li tiltaqa' ma' krudelta' daqshekk kiefra; 5. li fiċ-ċirkostanzi l-vot ta' tmienja kontra wieħed, għalkemm ma kienx*

*unanimu, kien ifisser ħafna; 6. il-ħati ma kien jimmerita ebda ħniena għax hu ma kellux ħniena mill-vittma w għalhekk f'dan il-każ il-prosekuzzjoni kienet xorta qed tinsisti għall-piena ta' priġunerija għal għomru;*

*"Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-Avukatessa Giannella Caruana Curran għall-parte civile dwar il-piena li huma s-segwenti:- 1. għalkemm kull omiċidju kien ikrah, kien hemm omiċidji aktar koroh minn oħrajn u dan kien wieħed minnhom; 2. il-vittma w bintha kienu ilhom jiġu mhedda fil-bejta tagħhom għal ħafna żmien mill-ħati w saħansitra l-vittma kienet spiċċat l-isptar darbtejn waqt li kienet għadha tqila; 3. li meta l-vittma kienet tipprova tirraporta lill-Pulizija kienet titlob biss protezzjoni biex il-Pulizija tkellmu ħalli l-ħati ma jkellimhiex iżjed u ma jsawwathiex iżjed; 4. illi wara li ta l-vittma d-disa' w erbgħin daqqa, l-ħati ħareġ barra w qal quddiem waħda mill-ġirien "Ċemplu lill-Pulizija issa!". Dan id-diskors qalu għaliex ftit qabel dakinhar kien proprju għadu kif irċeva telefonata mill-Pulizija biex imur ikellimhom dwar rapport li għamliltlu l-vittma. Għalhekk qal hekk għax kien għamel li kellu jagħmel; 5. il-familja trid li ssir ġustizzja biex is-sentenza ta' din il-Qorti mhux biss isservi ta' protezzjoni mill-ħati iżda għan-nies oħra, irġiel u nisa, fil-konfront ta' min hu "bully".*

*"Qieset li, kif jidher mill-fedina penali aġġornata tal-ħati, din mhux l-ewwel darba li hu kiser difrejh mal-liġi. Di fatti hu ssubixxa mhux inqas minn tnax-il kundanna mill-Qrati li, fi tlieta minnhom, ingħatatlu piena ta' priġunerija effettiva w dan wara sensiela ta' liberazzjonijiet kondizzjonati, probation u multi. Hu nstab ħati diversi drabi ta' reati konnessi mas-sewqan u ta' pussess tad-droga cannabis, eroina u/jew kokajina w darba minnhom anki li forna jew ipprokura d-droga lil terzi. Għandu ukoll kundanni għall-ġlied u reati ta' vjolenza, senjatament waħda fejn saq għal tal-apposta fuq persuna oħra b' karozza w ikkaġunalha offiżi ta' natura gravi. Jirriżulta li hu kellu problema tad-drogi w, minkejja li l-Qrati għamlu minn kollox biex jagħtuh l-opportunita' li joħroġ minn dan il-vizzju, hu baqa' ma ħariġx minnu. Forsi ukoll il-Qrati għamlu iżżejjed miegħu f' dar-rigward. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax li, kif jirriżulta mid-deposizzjoni tal-probation officer Marietta Lanzon fil-kumpilazzjoni (fol. 313 sa 315), appena tmint ijiem qabel dan id-delitt, minkejja li l-probation officer tal-ħati kienet fil-25 t'April, 2004, infurmat lil Qorti oħra li għalkemm huma kienu eżawrew dak kollu possibbli li setgħu jagħmlu mal-ħati, li dak iż-żmien kien qed jittestja posittiv għall-kokajina, w li kien ġja rriżulta lill-probation officer li kien beda jhedded lil Josette Scicluna, minkejja li kien taħt probation, dik il-Qorti, minflok ittrattat mal-ħati billi kkonvertietlu l-probation għall-piena restrittiva tal-liberta' w warrbitu miċ-ċirkolazzjoni, kienet estendietlu l-perijodu tal-probation. Forsi, kieku ma sarx hekk, dan id-delitt faħxi li ġara biss tmint ijiem wara, seta' jiġi evitat għal kollox u Josette Scicluna kienet tibqa' tgawdi l-ħajja ma' bintha. Imma apparti l-kondotta*

*refrattarja preċedenti għall-kommissjoni ta' dan id-delitt, jirriżulta mill-atti proċesswali li l-ħati, waqt li hu kien bil-liberta' proviżorja li ġiet akkordata lilu minn Qorti oħra, saħansitra kien ipprova jaħrab minn Malta qabel ma jgħaddi dan il-ġuri, ċirkostanza li wasslet lil din il-Qorti kif preseduta biex tordna li hu jitlef il-liberta' proviżorja w saħansitra biex umbagħad ġie misjub ħati li f'din l-okkażjoni kien assoċja ruħu ma' persuni oħra biex jimbarka minn Malta mingħajr passaport u mingħajr ma jagħti lill-uffiċjal prinċipali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta mill-Liġi u biex ġie kundannat għall-piena ta' tlieta w għoxrin (23) xahar priġunerija reċentement, minn Qorti oħra w ċioe' fit-30 ta' Diċembru, 2008.*

*"Qieset ukoll li, barra r-riżultat fatali tal-aġir tiegħu, w l-mod mill-aktar vjolenti kif huwa kiseb aċċess għad-dar tal-vittma, fejn hu ma kellu assolutament ebda dritt li jidħol, il-ħati indubbjament ikkaġuna trawma indimentikabbli fuq bintu li, fil-ħin meta huwa spara ħames tiri ġol-bieb ta' barra, kienet qed tiekol biss ftit passi l-ġewwa minn dan il-bieb u li mbagħad ratu dieħel bil-pistola f'idu sejjer fejn kienet ommha fil-kċina. Umbagħad il-mod krudili w mill-aktar brutali li bih twettaq id-delitt innifsu, ma jħalli ebda alternattiva għal din il-Qorti ħlief li tagħti l-piena massima possibbli skond il-liġi għall-ħtija kif konstatata mill-verdett tal-ġurija.*

*"Ikkonsidrat illi l-piena massima għall-Ewwel reat hija dik ta' għomor il-ħabs u għalkemm skond l-artikolu 492 (2) il-Qorti tista' tagħti piena ta' priġunerija għal żmien li ma jkunx inqas minn tnax-il sena, minflok il-piena ta' priġunerija għall-għomor meta l-voti tal-ġurati ma jkunux unanimi , kif inhu f' dan il-każ, din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tuża din id-diskrezzjoni favur il-ħati ta' dan id-delitt kiefer. Inoltre, l-ħati instab ukoll ħati unanimament tat-tieni kap li jġib piena massima ta' sentejn ħabs, u skond l-artikolu 17 (a) persuna ħatja ta' żewġ delitti jew iżjed, illi jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu l-liberta' personali, li wahda minnhom tkun għal għomor, tiġi kundannata għal din il-piena bir-reklużjoni*";

5. Rat ir-Rikors tal-Appell imressaq minn David (David-Norbert) Schembri fis-27 ta' Jannar, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti tirriforma l-verdetti u s-sentenza mogħtija billi (i) tikkonferma l-verdett u s-sentenza dwar it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża, (ii) tħassar il-verdett u tirrevoka s-sentenza appellata fuq l-Ewwel Kap tal-Akkuża u minflok tiddikjara ħtija ta' offiża gravi li minnha ġrat il-mewt, u dan meta l-akkużat kien qed jaġixxi taħt passjoni istantaneja u/jew aġitazzjoni tal-moħħ, u tagħti piena adegwata skond il-każ; u (iii) strettament mingħajr preġudizzju għall-aggravji mressqa u fi kwalunkwe każ, tibdel l-imsemmija sentenza appellata billi teżerċita d-diskrezzjoni mogħtija lill-ġudikant meta l-verdett ma jkunx unanimu;

6. Rat in-Nota ta' Astensjoni tat-12 ta' Marzu, 2009, u s-surroga tas-17 ta' Marzu, 2009;

7. Rat in-Nota ta' Astensjoni tas-6 ta' Ġunju, 2013, u s-surroga tas-17 ta' Ġunju, 2013, li ikkostitwiet il-Qorti kif issa komposta;

8. Rat ir-Risposta mressqa mill-Avukat Ġenerali fid-19 ta' Settembru, 2013, bi tweġiba għar-Rikors tal-Appell tal-appellant;

9. Rat il-verbal magħmul waqt is-smigħ tat-12 ta' Diċembru, 2013, mill-għaref difensur tal-appellant li bih ġibed l-attenzjoni tal-Qorti li, skond deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-piena tal-għomor il-ħabs tikser il-jedd fundamentali tal-persuna li ma tingħatax trattament inuman u degradanti, kif imħares bl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u talab li din il-Qorti tqis l-imsemmija deċiżjonijiet waqt li tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tal-każ;

10. Semgħet it-trattazzjoni;

11. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

12. Illi l-appellant ressaq erba' (4) aggravji marbutin ilkoll mas-sejbien ta' ħtija dwar l-Ewwel Kap tal-Akkuża u dan minħabba li huwa ma ressaqx appell mis-sejbien tal-ħtija tiegħu fir-rigward tat-Tieni Kap tal-Akkuża. L-aggravji tal-appellant huma (A) interpretazzjonijiet żbaljati u skorretti tal-liġi li kellhom jew seta' kellhom effett fuq il-verdett; (B) difetti proċedurali li kellhom effett serju fuq il-verdett; (Ċ) b'rabta mal-ewwel żewġ aggravji, sejbien ħażin fuq il-fatti; u (D) aggravju dwar il-piena;

13. Illi l-**ewwel aggravju** tal-appellant jinqasam taħt tliet irjus: (i) li ngħatat tifsira ħażina tal-artikolu 227(ċ) tal-Kodiċi Kriminali; (ii) dwar min kellu l-piż li jipprova l-passjoni istantaneja u l-aġitazzjoni tal-moħħ; u (iii) li ngħatat tifsira ħażina tal-liġi dwar li jintefa' fuq id-difiża l-piż tal-prova dwar l-intenzjoni tal-ferita gravi segwita mill-mewt. Il-Qorti sejra tqishom waħda waħda;

14. Illi dwar l-ewwel ilment taħt l-ewwel aggravju, l-appellant jgħid li kienet id-difiża tiegħu li qajmet il-kwestjoni li dak li ġara kien b'effett tal-passjoni u/jew tal-aġitazzjoni tal-moħħ li nħakem bih u li minħabba f'hekk ma kienx qiegħed jirrifletti dwar il-konsegwenzi ta' għemilu fil-ħin li twettaq ir-reat. Huwa jgħid li l-ewwel Qorti, filwaqt li aċċettat is-sottomissjoni li l-passjoni istantaneja tqum għall-għarrieda u bla ħsieb waqt li l-aġitazzjoni tal-moħħ taf tkun kundizzjoni tal-moħħ, fl-indirizz tagħha lill-ġurija dik il-Qorti qalet li l-każ tal-aġitazzjoni tal-moħħ ukoll irid ikun qam dak il-waqt u l-aġitazzjoni tal-moħħ ma tridx tkun ġejja minn qabel u li fissret dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet bħallikieku kienu l-istess ħaġa. Minħabba f'hekk jgħid li dan kellu effett determinanti fuq il-ġurati, aktar u aktar meta l-imħallef sedenti fl-ewwel Qorti beda jenfasiżża l-proċess li kellhom jagħmlu qabel setgħu jaċċettaw id-difiża tal-aġitazzjoni mentali;

15. Illi l-appellant jilminta wkoll li l-ewwel Qorti tat lill-ġurija tifsira iebsa u dejqa ħafna ta' dak li jista' jitqies bħala persuna ta' temperament ordinarju u li, kważi, qabblitu ma' "qaddis miexi fl-art". Huwa jgħid li b'dan il-mod l-ewwel Qorti għamlitha diffiċli ħafna li setgħet tkun tgħodd il-linja difensjonali tiegħu tal-estenwanti minħabba passjoni istantaneja jew aġitazzjoni tal-moħħ. Huwa tenna li bniedem ta' temperament ordinarju jista' jkun jiflaħ f'moħħu għal ħafna ċirkostanzi imma jkun hemm ċirkostanzi oħrajn li jiżbilanċjawlu dak it-temperament. Iżid jgħid li ma hemm l-ebda fattur komuni li minn qabel jiddetermina x'jasal jagħmel bniedem iffaċċat b'ċirkostanza partikolari, minkejja li, fil-bqija taċ-ċirkostanzi l-istess bniedem jitqies li huwa ta' temperament ordinarju. Għalhekk, bil-kliem "temperament ordinarju" wieħed irid jifhem l-imġiba medja li tagħraf ukoll id-differenzi li jeżistu bejn persuna u oħra;

16. Illi l-appellat Avukat Ġenerali iwieġeb għal dawn iż-żewġ ilmenti billi jgħid li huwa l-appellant li qiegħed jagħti tifsira ħażina tal-liġi u jipprova jitfa' n-nuqqas fuq l-indirizz tal-imħallef tal-ewwel Qorti. Huwa jaqbad ukoll mar-riferenza ta' ġurisprudenza magħmula mill-istess appellant biex iwaqqa' l-argument tiegħu;

17. Illi l-Qorti tqis li it-tifsira aċċettata mogħtija mill-Qrati[1] tistabilixxi li kemm il-passjoni istantaneja u kif ukoll l-aġitazzjoni tal-moħħ imsemmija fl-artikolu 227(ċ) tal-Kodiċi Kriminali huma t-tnejn kwalifikati bil-kundizzjoni li dik il-persuna li twettaq il-qtil "tkun taħt l-influwenza immedjata". Dan għalhekk ifisser, fil-fehma tal-Qorti, li wkoll jekk bejn l-oriġini tal-passjoni istantaneja u l-aġitazzjoni tal-moħħ jista' jkun hemm

[1] Ara, b'eżempju, App. Krim **14.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Repubblika ta' Malta vs Martina Galea*** (Kollez. Vol: **LXX.v.604**) (li l-appellant isemmi b'tisħiħ tas-sottomissjoni tiegħu) u kif ukoll App. Krim. **28.9.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Repubblika ta' Malta vs Aimen Said Giali El Baden***

differenza fin-natura tal-waħda u tal-oħra, huwa meħtieġ mil-liġi li biex iservu ta' estenwanti li jiskużaw il-qtil jeħtieġ li kemm il-passjoni istantaneja u kif ukoll l-aġitazzjoni tal-moħħ ikunu qamu u inluwenzaw lill-akkużat dak il-ħin (u dan jispjega għaliex il-leġislatur jinqeda bil-kliem "influwenza immedjata"), u influwenzawh b'mod li dak il-ħin il-persuna ma tkunx tista' tqis l-għemil tagħha;

18. Illi meqjusa dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali, il-Qorti ssib li l-ilment tal-appellant taħt dan l-aggravju dwar il-mod kif l-ewwel Qorti idderiġiet lill-ġurija ma jirriżultax mistħoqq għaliex jinbena fuq sottomissjoni li ma ssibx appoġġ mal-mod kif imissha titfisser il-liġi. Ma' din il-kunsiderazzjoni, il-Qorti tqis ukoll li jekk kellha tirnexxi t-teżi tad-difiża dwar l-estenwanti maħsuba fl-artikolu 227(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, kemm jekk tirriżulta l-passjoni istantaneja u kemm jekk dik tal-aġitazzjoni tal-moħħ, il-piena erogabbli hija l-istess f'kull waħda miż-żewġ ipotesi tal-imsemmija estenwanti. Għalhekk, din il-Qorti ma tarax fejn joħroġ il-preġudizzju mġarrab mill-appellant jew kif jista' jingħad li saret amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja. B'żieda ma' dan kollu, il-ġurija għażlet li ma tilqax it-teżi tad-Difiża li, fiċ-ċirkostanzi, ma kinux jgħoddu l-estenwanti minnha sollevati u ma ntweriex li dan ġara minħabba l-mod kif it-tema kien ittrattat mill-ewwel Qorti fl-indirizz tagħha lill-ġurija. Għall-kuntrarju, jidher li l-ġurija emmnet u laqgħet it-teżi tal-Prosekuzzjoni li l-appellant aġixxa b'intenzjoni ċara omiċida li kien jaf x'inhu jagħmel meta darab lill-vittma u kien jagħraf il-konsegwenzi ta' dak li kien qiegħed jagħmel;

19. Illi dwar <u>it-tieni lment taħt l-ewwel aggravju</u>, l-appellant jgħid li l-fatt li huwa qajjem id-difiża li r-reat kien skużabbli minħabba l-influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew tal-aġitazzjoni tal-moħħ ma ġabitx fuqu l-obbligu li jitgħabba bil-piż tal-prova ta' dak l-istat tiegħu. Huwa jisħaq li l-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta[2] tipprovdi li l-piż tal-prova ta' "fatt partikolari" jgħaddi minn parti għal fuq il-parti l-oħra f'kawża biss fil-każ li liġi hekk tgħid u timponi. Għalhekk, ladarba l-artikolu 227(ċ) tal-Kodiċi Kriminali ma jistabilixxi l-ebda qlib tal-piż tal-prova, l-appellant jgħid li dik il-prova taqa' fuq il-Prosekuzzjoni u ma tintefax fuq l-akkużat u jżid jgħid b'mod partikolari li jaqa' fuq il-Prosekuzzjoni l-piż li teskludi l-attenwanti tal-passjoni istantaneja jew tal-aġitazzjoni tal-moħħ. Itenni li l-liġi ma tgħidx li d-difiża tal-estenwanti minħabba passjoni istantaneja jew aġitazzjoni tal-moħħ trid titqajjem b'eċċezzjoni mill-akkużat u jrid jipprovaha hu, u għalhekk ladarba l-liġi ma tgħidx hekk il-piż tal-prova jibqa' fuq il-Prosekuzzjoni billi din hija wkoll element intrinsiku tar-reat imputat lilu. Minħabba f'hekk, l-ewwel Qorti idderiġiet ħażin lill-ġurija meta qaltilhom li, fil-każ tad-difiża tal-estenwanti,

[2] *Proviso* tal-Art. 39(5)

kien biżżejjed li l-akkużat jipprova dik id-difiża sal-grad tal-probabbli li tassew kien hemm raġunijiet tajba li wassluh biex jaġixxi b'passjoni jew taħt aġitazzjoni tal-moħħ. L-appellant jisħaq li ma kellu l-ebda piż ta' prova, lanqas f'dan ir-rigward, u għalhekk id-direzzjoni mogħtija lill-ġurija kienet waħda ħażina li ma setgħetx ma influwenzathomx fil-verdett li waslu għalih;

20. Illi l-appellat Avukat Ġenerali jwarrab dan l-ilment u s-sottomissjonijiet magħmula dwaru u jgħid li ma huwiex marbut li, fit-twettiq tar-rabta tiegħu li jipprova sal-grad meħtieġ l-akkuża li jkun ressaq kontra l-akkużat, jipprova wkoll li d-difiża mressqa mill-istess akkużat ma jkollhiex il-konfort tal-prova xierqa. Iżid jgħid li, jista' jkun, li waqt li qiegħda tressaq il-provi biex issejjes l-akkuża, il-Prosekuzzjoni tressaq provi li jistgħu jintużaw mid-Difiża biex issostni l-linja difensjonali tagħha, imma ma jiġi qatt li jaqa' fuq il-Prosekuzzjoni l-piż li tipprova wkoll it-teżi tad-difiża billi tintrabat li tagħmel dan sal-grad taċ-ċertezza li teskludiha;

21. Illi l-Qorti tqis li dan l-ilment tal-appellant ma huwiex mistħoqq. Il-piż tal-prova li jaqa' fuq il-Prosekuzzjoni li twassal il-każ tagħha sal-grad lil hinn mid-dubju dettat mir-raġuni ma jgħoddx fih l-obbligu li tipprova wkoll is-siwi jew le tat-teżi difensjonali tal-akkużat. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova dak li hija tixli bih lill-akkużat u mhux ukoll dak li l-istess akkużat jista' jqanqal bil-linji difensjonali tiegħu billi ġġib provi biex jeskludu dawk id-difiżi. Il-fatt li l-akkużat ma jaqa' fuqu l-ebda piż ta' prova ma jfissirx li jinħeles ukoll milli jikkonvinċi, fuq il-bażi tal-provi li jkunu tressqu (jista' jkun minnu nnifsu, jekk hekk jagħżel li jagħmel), li dik il-linja difensjonali hija plawsibbli b'mod li xxellef jew ixxejjen il-każ imressaq mill-Prosekuzzjoni. Imma f'ċirkostanza bħal din, ma jkun seħħ l-ebda spostament tal-piż tal-prova u lanqas il-ksur tal-prinċipju li l-akkużat ma jeħtieġlu jipprova xejn, għax tibqa' dejjem il-ħtieġa li l-Prosekuzzjoni tipprova t-teżi tagħha sal-grad mistenni;

22. Illi, fil-fehma tal-Qorti, ma kienx jaqa' fuq il-Prosekuzzjoni wkoll li tipprova l-estenwanti tal-passjoni istantaneja jew tal-aġitazzjoni tal-moħħ li l-akkużat qajjem bħala difiża waqt is-smigħ tal-ġuri. Kien, madankollu, kompitu tal-akkużat li jipperswadi lill-ġurija li, mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jew, f'dan il-każ, mix-xhieda mogħtija minnu wkoll, kien hemm il-probabilita' li dak li wettaq sar minnu taħt passjoni istantaneja jew minħabba aġitazzjoni tal-moħħ, u li jressaq din it-teżi għall-evalwazzjoni tal-istess ġurija li tqis jekk din id-difiża twassalx biex ixxellef jew ixxejjen il-każ tal-Prosekuzzjoni, li jibqa' wieħed ta' xilja ta' qtil volontarju mingħajr l-imsemmija estenwanti;

23. Illi t-tielet ilment tal-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda t-tifsira ħażina li jgħid li l-ewwel Qorti tat dwar il-ħtieġa tal-piż tal-prova min-naħa tad-difiża tal-intenzjoni tar-reat ta' ferita gravi li minnha tirriżulta l-mewt tal-vittma. F'dan l-ilment, l-appellant jistrieħ fuq l-istess argumenti u sottomissjonijiet li ressaq fl-ilment ta' qablu u jgħid li l-qlib tal-piż tal-prova fuq id-difiża meta tattakka l-akkuża ta' intenzjoni omiċida u tistrieħ fuq l-intenzjoni ġenerika tal-ferita li ġġib il-mewt jixhed qagħda aktar gravi u serja bi ħsara għalih;

24. Illi f'dan ir-rigward, l-appellat jirribatti wkoll l-ilment bl-istess argumenti mressqin minnu aktar qabel u billi jgħid li ma kienx jaqa' fuqu il-piż li jipprova li seta' kien li l-akkużat ma kellux l-intenzjoni li joqtol lil Josette Scicluna imma biss dik li jikkawżalha ħsara;

25. Illi l-Qorti fliet b'reqqa l-indirizz tal-imħallef li kien qiegħed jippresjiedi l-ewwel Qorti. Minn dan l-eżerċizzju, din il-Qorti jidhrilha li l-ilment tal-appellant huwa mibni fuq malintiż. Huwa minnu li l-ewwel Qorti nqdiet bil-kelma "jikkonvinċi" kemm biex tirreferi għall-ħtieġa li l-Prosekuzzjoni twettaq il-piż tal-prova li jaqa' fuqha fi proċediment kriminali u kif ukoll biex tirreferi għall-argumenti mqajma mid-difiża biex tfisser il-linji difensjonali li kienet tipprospetta. Daqstant ieħor minnu huwa l-fatt li l-istess Qorti nqdiet bil-kliem "sal-grad tal-probabbli" meta kienet qiegħda tirreferi għas-sottomissjonijiet li saru mill-avukat difensur tal-appellant waqt id-difiża. Imma qari xieraq tal-indirizz tal-imħallef li kien qiegħed jippresjiedi l-ġuri turi li fl-ebda waqt ma tfisser lill-ġurija li l-Prosekuzzjoni nħelset mill-piż li tipprova sal-grad mistenni l-każ tagħha u wisq anqas li ntefa' l-piż fuq l-akkużat li jipprova xi ħaġa huwa. Min-nisġa tal-indirizz kollu jidher sewwa li l-"konvinċiment" li l-ewwel Qorti kienet qiegħda tifhem li jgħodd għall-Prosekuzzjoni kien jinkludi wkoll il-piż tal-prova lil hinn mid-dubju raġonevoli, filwaqt li fil-każ tad-Difiża kienet qiegħda tifhem l-argumenti u s-sottomissjonijiet li jkunu biżżejjed biex iqanqlu dubju raġonevoli dwar il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u jxellfu l-każ tagħha;

26. Illi għalhekk il-Qorti ssib li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq u mhix sejra tilqgħu;

27. Illi bit-**tieni aggravju** tiegħu l-appellant jilmenta minn żewġ ċirkostanzi partikolari li jgħid li ġraw waqt il-ġuri u li kienu jsarrfu f'irregolarita' proċedurali. L-ewwel waħda (i) hija li l-ewwel Qorti ħalliet li jitressqu dokumenti waqt il-kontro-eżami tiegħu; filwaqt li t-tieni waħda hi (ii) li l-ewwel Qorti għamlitlu mistoqsija waqt li kien qiegħed jagħti x-xhieda tiegħu minn rajh;

28. Illi fl-ewwel ilment tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti ħalliet li l-Prosekuzzjoni tressaq dokumenti, li tatha l-parti ċivili, waqt li kienet qiegħda tagħmel il-kontro-eżami tiegħu[3]. Jgħid li dan sar bi ksur tal-artikolu 590(2) tal-Kodiċi Kriminali li jrid li l-Prosekuzzjoni tressaq kull dokument mal-Att tal-Akkuża u bla ma tħarsu s-salvagwardji li l-istess Kodiċi jagħti lill-akkużat u lill-istess Prosekuzzjoni fl-artikolu 440. L-appellant ifisser li d-dokumenti ntużaw biex jipprovaw il-kondotta ħażina preċedenti tiegħu u li dan sar bi ksur tal-artikolu 459A tal-Kodiċi. Minbarra dan, għalkemm l-ewwel Qorti fl-indirizz tagħha idderiġiet lill-ġurati biex ma jagħtux każ tal-imsemmija dokumenti billi ma jikkostitwux prova, għaddiet biex qaltilhom li t-tweġibiet li l-akkużat ta dwarhom kienu jikkostitwixxu prova dwar jekk kellux jitwemmen jew le f'dak li jgħid;

29. Illi l-appellant jissottometti li jekk l-imsemmija dokumenti ma kinux prova ammissibbli, l-ewwel Qorti ma jmisshiex ħallietu jwieġeb mistoqsijiet li sarulu sewwasew fuq dawk id-dokumenti u lanqas ma kellha tħalli li d-dokumenti jitressqu f'dak l-istadju tal-ġuri. Dan iwasslu biex jgħid li filwaqt li s-soċjeta' jeħtieġ li titħares mir-reati, daqstantieħor min ikun mixli b'reat jistħoqqlu li jkun imħares bil-jedd għal proċess legali, loġiku u ekwu;

30. Illi l-appellat jgħid li dan l-ilment tal-appellant ma jiswiex. Jisħaq li l-ewwel Qorti kienet fissret u iggwidat sewwa lill-ġurija biex ma tqisx l-imsemmija dokumenti bħala prova ammissibbli u b'hekk l-akkużat ma ġarrab l-ebda preġudizzju bil-fatt li l-Qorti kienet ħalliet li jitressqu. Iżid jgħid li fl-indirizz tagħha l-ewwel Qorti kienet fissret b'distinzjoni ċara bejn l-imsemmija dokumenti u x-xhieda li l-akkużat ta taħt ġurament. Jiċħad is-sottomissjoni tal-appellant li t-tweġibiet li ta fil-kontro-eżami kienu skaturiti mit-tressiq tal-imsemmija dokumenti;

31. Illi l-Qorti qieset ix-xhieda tal-appellant f'dak il-fażi tal-kontro-eżami li kien qiegħed isirlu mill-Prosekutur. Rat b'reqqa wkoll l-indirizz tal-ewwel Qorti f'dik il-parti li dwarha l-appellant isejjes l-ilment tiegħu taħt dan l-aggravju. Fl-ewwel lok, tqis li l-artikolu 590(2) invokat mill-appellant ma jistax jinqara bla ma jittieħed qies ta' x'jipprovdi l-artikolu 440(5) tal-istess Kodiċi u li minnu joħroġ li l-liġi nnifisha tipprevedi ċirkostanzi fejn, waqt ġuri, jkun meħtieġ li "wieħed ikollu taħt għajnejh" xi dokument li ma jkunx fost dawk imsemmija fl-Att tal-Akkuża kif jgħid l-artikolu 590(2). Fit-tieni lok, mill-indirizz li għamel l-imħallef tal-ewwel Qorti, ħareġ ċar li huwa aċċetta t-tressiq tal-istess dokumenti bil-għan biss li l-Qorti setgħet tikkontrolla li dak li kienet qiegħda diġa' tistaqsi dwaru l-Prosekuzzjoni fil-kontro-eżami tagħha tal-

[3] Indikati bħala Dokti "DS1" sa "DS5"

akkużat ma jkunx xi ħaġa maħluqa minn żniedha. Din il-fehma tal-ewwel Qorti kienet imfissra ċar lill-ġurija biex tisħaq magħhom x'kien l-iskop li hija kienet ħalliet li jitressqu l-imsemmija dokumenti u għaliex idderiġiet lill-istess ġurija biex ma tikkunsidrahomx bħala prova ammissibbli. Fit-tielet lok, ħareġ mill-atti li qabel ma l-Prosekuzzjoni talbet li tressaq l-imsemmija dokumenti, kienet diġa' staqsiet lill-akkużat mistoqsijiet dwar ċirkostanzi preċedenti li setgħu ġraw bejn l-akkużat u l-vittma qabel dakinhar tal-inċident u l-akkużat kien ċaħad l-istess mistoqsijiet billi ta l-verżjoni tiegħu dwar x'kien li wassal għalihom. Fir-raba' lok, fl-istess indirizz, l-ewwel Qorti qalet li, bihom u mingħajrhom, ix-xhieda li ta l-akkużat waqt il-kontro-eżami ma kinitx determinata mill-imsemmija dokumenti;

32. Illi safejn l-appellant jilmenta li t-tressiq tal-imsemmija dokumenti sar bi ksur tal-jedd tiegħu li ma jsirulux mistoqsijiet li jitfgħu fuqu d-dell ta' karattru ħażin jew ta' xi sejbien ta' ħtija ta' qabel, il-Qorti tqis li lanqas f'dan il-każ ma ssib li l-ilment tiegħu huwa mistħoqq. B'mod partikolari, dan jingħad b'żieda mal-kunsiderazzjonijiet li saru qabel dwar is-siwi probatorju tad-dokumenti mressqa mill-Prosekuzzjoni waqt il-kontro-eżami tal-appellant. Minbarra dan, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 459A(1) tal-Kodiċi jfissru r-regola li l-akkużat mhuwiex imġiegħel li jwieġeb mistoqsijiet li jistgħu juru li huwa għandu karattru ħażin, ħlief f'xi waħda mit-tliet ċirkostanzi maħsuba fl-istess artikolu. L-istess ħaġa tgħodd għall-ilment tal-appellant safejn sarulu xi mistoqsijiet mill-ewwel Qorti nnifisha li huwa deherlu li kienu maħsuba li jperrċu mal-ġurati l-karattru ħażin tiegħu. Dwar dan l-ilment il-Qorti sejra tikkunsidra aktar fil-parti li jmiss ta' din is-sentenza;

33. Illi fit-<u>tieni lment taħt it-tieni aggravju</u> l-appellant isemmi kif, waqt li kien qiegħed jagħti x-xhieda tiegħu u semma li kellu fuqu għoxrin balla, l-ewwel Qorti staqsietu x'kien fi ħsiebu jagħmel bihom. Dak il-ħin staqsietu wkoll jekk kellux f'moħħu li joqtol tribu' tal-indjani jew jekk kienx sejjer il-Vjetnam. L-appellant jgħid li l-ewwel mistoqsija tal-Qorti kienet f'postha u kellha tintwieġeb: imma jgħid li ż-żewġ mistoqsijiet l-oħrajn ma messhomx saru għaliex ma kinux tabilħaqq mistoqsijiet maħsuba biex jiksbu tagħrif jew jistabilixxu fatti, imma li setgħu biss tefgħu dell tqil fuq il-kwestjoni tal-intenzjoni tiegħu meta ntużat il-kelma "toqtol". Huwa jgħid li dan in-nuqqas proċedurali kien maħsub biex ikollu effett fuq il-verdett;

34. Illi dwar dan l-ilment, l-appellat Avukat Ġenerali jgħid li ladarba l-appellant għażel li joffri x-xhieda tiegħu, kien miftuħ għal kull mistoqsija li setgħet issirlu, ukoll jekk il-mistoqsija tkun saret mill-Qorti nnifisha;

35. Illi l-Qorti tqis li, ukoll meta l-akkużat joffri x-xhieda tiegħu minn rajh, il-liġi ma tgħidx li huwa jiftaħ lilu nnifsu għal kull mistoqsija li tkun, ġejja minn fejn ġejja jew jekk hijiex rilevanti jew mhijiex. Madankollu, l-liġi tgħid li, jekk l-akkużat jagħżel li jagħti x-xhieda tiegħu, fil-kontro-eżami huwa mħolli li jsirulu mistoqsijiet li, bit-tweġibiet għalihom, jistgħu jġibuh ħati tar-reat li jkun mixli bih[4]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, il-mistoqsijiet li minnhom jilmenta l-appellant sarulu mill-ewwel Qorti fis-sura ta' sensiela ta' tliet mistoqsijiet fuq xulxin. L-appellant jistqarr li l-ewwel mistoqsija ma kinitx barra minn postha, imma jisħaq li ż-żewġ mistoqsijiet l-oħrajn kienu maħsuba li jitfgħu dell ikreh fuqu biex ikun hemm influwenza fuq il-ġurati fl-għoti tal-verdett tagħhom;

36. Illi l-Qorti tqis li seta' kien ikun aktar xieraq u prudenti għall-ewwel Qorti li tieqaf wara l-ewwel mill-imsemmija tliet mistoqsijiet. Wara kollox, l-appellant innifsu wieġeb l-ewwel mistoqsija kif deherlu hu. Fir-rigward taż-żewġ mistoqsijiet l-oħrajn l-appellant la ta u lanqas seta' jagħti tweġiba. Minn dan kollu, il-Qorti tara li l-ilment tal-appellant jiffoka aktar fuq l-impatt li l-imsemmija żewġ mistoqsijiet mhux imwieġba setgħu ħallew fuq il-ġurija. L-appellant isemmi b'mod partikolari l-kelma "toqtol" f'waħda miż-żewġ mistoqsijiet bħala turija li l-għan tagħhom kien li jdaħħal f'moħħ il-ġurati l-fehma li huwa kellu jinstab ħati ta' omiċidju. Il-Qorti, madankollu, tqis li l-arma tan-nar ma ntużatx fuq il-vittma u li, fil-ħin li l-appellant daħal fl-appartament ta' Josette Scicluna, lanqas kien għad fadallu balal oħrajn fl-arma u li l-balal l-oħrajn li kellu kienu ntremew band'oħra fejn aktar tard instabu mxerrda. Dan ifisser, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, li meta l-appellant daħal fl-appartament ta' Scicluna wara li ħela l-ħames balal biex sgassa l-bieb ta' barra, l-arma tan-nar ma baqgħetx aktar influwenti u żgur ma kinitx aktar tajba biex biha l-akkużat seta' joqtol lil xiħadd. Irriżulta li l-mewt ta' Josette Scicluna ġrat minħabba li ntużat sikkina, liema arma l-appellant ma kienx ġarr fuqu minn qabel u li kienet, f'xi ħin, f'id l-istess vittma sa ħin wara li l-akkużat daħal għandha. Dawn il-fatti kienu mgħarrfa lill-ġurati waqt il-ġuri u tfissru wkoll mill-esperti forensiċi li ttellgħu jixhdu. Minn dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imsemmija żewġ mistoqsijiet, u b'mod partikolari t-tismija tal-kelma "toqtol", ma setgħux kienu determinanti biex jinfluwenzaw ġurija magħmula minn persuni b'razjoċinju raġonevoli b'mod tali huma waslu għall-fehma li kellu l-intenzjoni li joqtol lil Scicluna fuq is-saħħa suġġestiva tal-imsemmija mistoqsijiet u mhux fuq raġunijiet oħrajn siewja li kienu jirriżultaw minn provi oħrajn li tressqu quddiemhom waqt il-ġuri;

37. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti mhijiex ser tilqa' dan l-aggravju tal-appellant;

---

[4] Art. 634(1) tal-Kap 9

38. Illi t-**tielet aggravju** tal-appellant jirreferi għas-sejbien ħażin ta' ħtija tiegħu fuq il-fatti fl-atti proċesswali. Huwa jsejjes dan l-aggravju fuq żewġ aspetti li huwa jfisser fit-tul u b'reqqa fir-Rikors tal-Appell tiegħu. L-ewwel aspett huwa (i) dwar l-intenzjoni speċifika u ġenerika, filwaqt li t-tieni wieħed (ii) jirreferi għall-aspett tal-element tal-passjoni istantaneja u/jew l-aġitazzjoni tal-moħħ;

39. Illi taħt l-ewwel ilment tat-tielet aggravju l-appellant jislet sensiela ta' ċirkostanzi li ġraw qabel, waqt u wara l-episodju li ħalla lil Josette Scicluna mejta u jgħid li, mill-iżvolġiment ta' dawk il-ġrajja ma seta' jkun qatt li l-Prosekuzzjoni jseħħilha tipprova l-intenzjoni speċifika tiegħu li joqtolha ("*animus necandi*"). Jissottometti li dawk iċ-ċirkostanzi kienu jaqblu mal-linja difensjonali tiegħu li l-mewt ta' Scicluna ġrat b'intenzjoni ġenerika ta' ħsara fuq il-ġisem ("*animus nocendi*"). Jisħaq li biex il-ġurati setgħu jaslu li jsibu li huwa kien wettaq omiċidju volontarju, riedu jkunu moralment konvinti li jew (a) hu kien ra l-mewt bħala l-konsegwenza ta' għemilu u li ried il-mewt tal-vittma jew (b) li ra l-mewt bħala konsegwenza probabbli ta' għemilu u, għalkemm ma riedx il-mewt tal-vittma, wettaq l-att li kien jaf li probabilment kien se jwassal għall-mewt tagħha. Huwa jtenni li, fin-nuqqas ta' xi waħda minn dawn iż-żewġ għażliet, il-ġurati ma setgħux isibu l-ħtija tiegħu ta' qtil volontarju imma, l-aktar, tar-reat ta' offiża gravi li ġabet il-mewt;

40. Illi, b'mod partikolari, l-appellant jisħaq li l-ebda waħda mid-daqqiet li newwel lil Scicluna bis-sikkina li kien ħadilha minn idha ma kienet immirata lejn xi parti ta' ġisimha li wieħed normalment is-soltu jqis li huma vitali. Jgħid ukoll li, mix-xhieda tal-esperti forensiċi nfushom, id-daqqa li x'aktarx li wasslet għall-mewt kienet dik mogħtija fl-inħawi ta' spallitha x-xellugija li nifdet l-arterja sub-klavikali tagħha li, minnha nnifisha, mhix faċli li wieħed isibha (għaliex moħbija taħt l-ispalla) u li hu ma kienx jaf biha. Isemmi wkoll li ftit kienu d-daqqiet tas-sikkina fuq Scicluna li jistgħu jissejħu 'daqqiet ta' sikkina' fis-sens li nifdu lill-vittma, u li l-maġġoranza tagħhom kienu grif jew tiċrit ("*slash wounds*") magħmula b'tixjir tal-arma li juru li l-vittma ntlaqtet mill-arma b'mod superfiċjali li la qatt kien iġib il-mewt tagħha u lanqas juri li huwa kellu l-ħsieb li joqtolha. L-appellant jargumenta li l-mod kif tintuża sikkina jixhed xi tkun il-fehma ta' min ikun qiegħed jużaha billi t-tixjira ta' sikkina (li ġġib "*incised wound*") mhijiex l-istess bħat-tniffid (li ġġib "*stab wound*");

41. Illi l-appellant iżid jgħid li, għalkemm il-ġurija kellha l-għażla li tara jekk taċċettax verżjoni jew oħra dwar l-intenzjoni vera tiegħu dakinhar, dik l-għażla kienet determinata mid-direzzjoni mogħtija lilhom mill-

ewwel Qorti fl-indirizz tagħha. Huwa jilmenta li l-ewwel Qorti mxiet fuq ir-riżultat li kien hemm – jiġifieri l-mewt ta' Josette Scicluna – u qabblet dan mal-prova tal-intenzjoni speċifika tiegħu li joqtolha. Iressaq is-sottomissjoni li l-ewwel Qorti ma ħalliet lill-ġurija l-ebda għażla oħra għajr li jsibu li huwa wera intenzjoni speċifika li joqtol u dan jarah kemm fl-eżempji li l-ewwel Qorti għażlet biex tfisser ħsibijietha u kif ukoll bil-fatt li rabtet id l-istess ġurati billi semmitilhom bħala punti ta' liġi dak li lanqas kien ippruvat bħala punt ta' fatt. Jgħid li, minħabba f'hekk, l-ewwel Qorti tat direzzjoni ħażina u li, f'każijiet bħal dawn, wasslet biex is-sentenza ma tkunx waħda li trieġi[5];

42. Illi għal dan l-argument, l-appellat Avukat Ġenerali jilqa' billi jressaq bosta sottomissjonijiet miruta mill-provi mressqa fl-atti biex juri kif it-teżi tal-Prosekuzzjoni kienet waħda msejsa kif imiss u kif din kienet biżżejjed biex tikkonvinċi lill-ġurati jsibu li l-appellant kien qatel lil Josette Scicluna għax ried;

43. Illi l-appellant jiġbor l-ilmenti tiegħu taħt din it-taqsima f'żewġ fergħat: tal-ewwel li tirrigwarda dawk li jsejħilhom nuqqasijiet ta' sejbien ta' ħtija fuq fatti li jirrigwardaw l-intenzjoni speċifika u ġenerika; filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw id-difiża dwar il-passjoni istantanja jew l-aġitazzjoni tal-moħħ;

44. Illi għal dak li jirrigwarda l-ilment tiegħu dwar sejbien ħażin ta' ħtija fir-rigward tal-aspetti tal-intenzjoni speċifika u ġenerika, l-appellant jgħid li dwar id-dinamika ta' kif seħħew il-ġrajja li wasslu għall-mewt ta' Josette Scicluna ma hemmx wisq differenza minn dak li qalet il-Prosekuzzjoni. Imma huwa jisħaq li "fil-bixra tal-moħħ li kellu", dawk il-ġrajja jieħdu xeħta għal kollox differenti minn kif tpinġihom il-Prosekuzzjoni u jixħtu dawl fuq l-intenzjoni vera tiegħu f'dan kollu. Huwa jtenni li, dakinhar, il-ħsieb tiegħu kien li jerġa' jirrikonċilja ma' Scicluna, imma l-affarijiet ħadu bixra oħra li hu jgħid li ma kienx jistenna. Jiftakar li, wara li telaq l-arma minn idejh u għamel ħiltu biex b'siġġu jilqa' minn xi daqqiet li Scicluna setgħet tipprova tagħtih bis-sikkina li hija kellha f'idha, ħadilha l-istess sikkina minn idha u taha biha. Huwa jiftakar biss l-ewwel daqqa li taha għaliex "umbagħad ra dalma". Imbagħad jgħid li ħareġ mill-appartament ta' Scicluna meta din kienet għadha ħajja u mar minn jeddu sal-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan biex jirrapporta li kien darabha;

45. Illi l-appellant isemmi tnax-il (12) ċirkostanza li jgħid li l-Prosekuzzjoni straħet fuqhom biex tikkonvinċi lill-ġurati li dak li għamel kien

[5] F'dawn is-sottomissjonijiet l-appellant irrefera għas-sentenza ta' din il-Qorti fit-**8.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauċi***

iridu u kien wettqu bl-intenzjoni speċifika li joqtol lil Scicluna jew li jqegħdilha ħajjitha f'perikolu ċar. Huwa jgħid li l-istess fatti kienu kompatibbli mat-teżi tad-difiża li l-mewt seħħet b'intenzjoni ġenerika ta' ħsara fuq il-ġisem li wasslet għall-mewt ta' Scicluna. B'mod partikolari jsemmi kif, il-biċċa l-kbira tal-ġrieħi li nstabu fuq ġisem Scicluna ma kinux fl-inħawi ta' organi vitali ta' ġisimha, u lanqas fondi biżżejjed biex jagħmlulha ħsara fatali. Iżid ukoll li minkejja li ġarr arma tan-nar fuqu u spara biha, ma użahiex fuq il-vittma, imma ħliha biex sgassa l-bieb ta' barra u mbagħad ramiha minn idu. Jgħid kif l-espert forensiku nnifsu eskluda l-intenzjoni speċifika fl-akkużat meta qal li bniedem bħall-akkużat ma seta' bl-ebda mod jissoponi li daqqa fuq dik in-naħa tal-ispalla tal-vittma kienet se' tagħmel dik il-ħsara kollha. Jisħaq ukoll li l-fatt li telaq minn ħdejn Scicluna meta kienet għadha ħajja bla ma ra li ma jitlaqx minn hemm qabel ma jkun aċċerta ruħu li kienet mejta, jixhed li huwa ma kellu fl-ebda waqt l-intenzjoni li joqtolha u l-qatgħa li ħa meta fl-Għassa tal-Pulizija għarrfuh li Scicluna kienet mietet hija ċirkostanza li ma ħalaqhiex minn żniedu, imma ssemmiet minn xhieda tal-Prosekuzzjoni nfushom;

46. Illi min-naħa tiegħu, l-appellat Avukat Ġenerali jwarrab dawn l-argumenti tal-appellant billi juri kif, mill-provi nfushom li tressqu waqt il-Ġuri, joħorġu sinjali ċari li juru li l-fehma tal-appellant kienet li joqtol lil Scicluna u mhux biss li jidrobha. B'mod partikolari, jgħid li r-raġuni mogħtija mill-appellant li huwa mar għand Scicluna bil-ħsieb li jirrikonċilja magħha u biex tagħtih xi ħwejjeġ tal-ilbies tiegħu li kien ħalla fl-appartament tagħha xi ġimgħat qabel, ma jiġġustifikaw bl-ebda mod li huwa jmur hemm armat b'arma tan-nar ikkargata. Lanqas ma tagħmel sens l-iskuża li ġab li l-istess arma ħadha miegħu għaliex kien jibża' minn missierha u beża' li jsibu fl-appartament ta' bintu. Għall-kuntrarju, intwera li, meta ra li Scicluna irrifjutat li tiftaħlu l-bieb ħalli jidħol għandha, uża l-arma biex sgassa l-bieb u ma ddejjaq xejn jibqa' dieħel sa ġewwa minkejja li Scicluna ma riditux hemm. L-appellat iżid jgħid li lanqas jagħmel sens li bniedem li jkun irid jirranġa ma' xi ħadd wara tilwima, imur għand dik il-persuna b'arma tan-nar ikkargata, jekk mhux għaliex kellu f'moħħu li jitħallas b'idejh akkost ta' kollox. L-istess appellat jisħaq li l-espert ballistiku fisser għaliex l-arma tan-nar ma setgħetx tintuża aktar wara li l-appellant sparaha qrib ħafna l-bieb tal-appartament u mhux għaliex ma kellux l-intenzjoni li jużaha. F'dan kollu, l-appellat jirreferi għall-mod kif l-appellant daħal bil-forza fl-appartament ta' Scicluna, kif ħabat għaliha u kemm-il darba taha bis-sikkina wara li ħadhielha minn idha. Jgħid li, kieku tabilħaqq l-appellant mar għand Scicluna biex jitkellmu, ma kienx ikollu għalfejn jagħtiha bis-sikkina wara li ħadhielha minn idha, għaliex ukoll kieku wieħed kellu joqgħod fuq dak li xehed l-akkużat, kien biss wara li newwlilha l-ewwel daqqa li waqgħet "dalma" fuqu u ma kienx jaf aktar x'inhu jagħmel;

47. Illi l-appellat jgħid li, fil-qafas ta' dan kollu, l-istampa li toħroġ hija ta' bniedem li ried joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Scicluna f'periklu ċar u mhux biss dik li jġib ferita li tkun wasslet għall-mewt tagħha. Jgħid li huma ċirkostanzi li, mqiegħda għall-eżami tal-ġurati, ma kienu jitolbu l-ebda sforz lil hinn min-normali jew tiġbid tal-immaġinazzjoni tagħhom li jaraw li dak li għamel l-akkużat kien għaliex hekk ried, u li ma kienx minnu li huwa kellu biss l-intenzjoni ġenerika tal-ġrieħi tagħha. L-appellat jissottolineja li l-vittma ma ikkawżat l-ebda ferita fuq l-appellant u din iċ-ċirkostanza tixhed li, fl-episodju kollu, kien hemm aggressur wieħed – l-akkużat – u li l-aggressjoni tiegħu ma kinitx limitata biss biex tferi lill-vittma. Il-fatt li huwa ħalla l-appartament tagħha meta kienet għadha ħajja ma jaħbix il-fatt li, sa x'ħin qatagħha li jagħmel hekk, lil Scicluna kien taha bosta daqqiet bis-sikkina u ħalliha f'għadira demm;

48. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-qofol tal-ilment tal-appellant taħt dan l-aggravju jqum mill-mod kif huwa jqis li l-imħallef tal-ewwel Qorti ta bixra partikolari lejn il-provi mressqa u wkoll kif stima (jew naqas li jistma) l-linji difensjonali tiegħu. Huwa jgħid li l-istess imħallef kattar id-doża billi żera' d-dubju dwar ix-xhieda tiegħu u dwar imġiebtu dakinhar li seħħ il-każ. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-fatt li l-ewwel Qorti setgħet użat ċerti espressjonijiet jew inqdiet b'xi eżempji fl-indirizz tagħha li setgħu urew ħsieb determinat fuq ċerti aspetti probatorji, ma jfissirx li ssejjes ix-xilja ta' għoti ta' direzzjoni ħażina ("*misdirection*");

49. Illi biex tinqeda b'ċitazzjoni mħaddma bosta drabi minn din il-Qorti fir-rigward, huwa stabbilit li *"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. O'Donnell (1917) 12 Cr App R 219, in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (Canny (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (Berrada (1989) 91Cr App R 131)*"[6];

[6] Blackstone's Criminal Practice (Edit. 2001) § 15 – 6 f'paġ. 1448

50. Illi min-naħa l-oħra hu daqstant stabbilit ukoll mill-awturi li "*Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities ... there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence*"[7];

51. Illi l-Qorti, wara li rat il-partijiet tal-indirizz tal-imħallef li ippresjieda l-ewwel Qorti li l-appellant semma fir-Rikors tal-Appell tiegħu, issib li dawn qajla jwaqqgħu id-direzzjonijiet li l-istess imħallef għamel kemm-il darba tul l-indirizz tiegħu fis-sens li, fejn jidħlu l-provi ta' fatt, kien jaqa' fuqhom u fuqhom biss li jagħżlu lil min kellhom jemmnu u f'liema parti kellhom jemmnuhom. Wissihom ukoll li l-fehma tiegħu ma kienet bl-ebda mod tiswa f'dan ir-rigward, u asserixxa biss – kif tabilħaqq jista' u jmissu jagħmel – li l-ġurati kellhom joqogħdu fuq dak li jgħidilhom hu għal dak biss li jirrigwarda punti ta' dritt. Din il-Qorti jidhrilha li, meqjus kollu kemm hu, l-indirizz tal-imħallef tal-ewwel Qorti kien wieħed korrett fis-sustanza u fil-liġi u li ma kienx tali li jċajpar jew ixaqleb il-ġudizzju ta' ġurati raġonevoli minkejja x-xejra tal-provi fattwali li tressqu quddiemhom matul il-ġuri[8];

52. Illi safejn l-ilment tal-appellant jitkellem dwar l-għażla li għamlu l-biċċa l-kbira tal-ġurati (fil-fatt kienu tmienja minn disgħa li għamlu hekk) li joqogħdu fuq it-teżi tal-Prosekuzzjoni meta l-provi ma kinux jiġġustifikaw dan, il-Qorti trid timxi b'reqqa. Dan qiegħed jingħad għaliex dak li jgħodd fiċ-ċirkostanzi ta' Ġuri dwar min huwa l-"imħallef tal-fatt" ma jisfax fix-xejn fl-istadju tal-appell. Jiġifieri, din il-Qorti tqis li, sempliċement minħabba l-fatt li hija Qorti tat-tieni istanza, ma tiġbidx fuqha setgħa li

[7] Mitchell & Richardson Archbold Criminal Pleading, Evidence & Practice (2003) § 4 – 376 f'paġ. 464
[8] Ara b'eżempju, App. Krim **24.9.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ronald Vella***; App. Krim. **17.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Vella***; App. Krim. **24.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Beżżina***; u App. Krim. **6.3.2003**fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs Steven John Caddick et,***

tissostitwixxi l-fehmiet tagħha dwar l-apprezzament tal-fatti li fl-ewwel istanza kienu s-setgħa sovrana tal-ġurija;

53. Illi huwa minħabba f'hekk li ingħad bosta drabi li, f'dan il-kamp delikat ta' apprezzament tal-provi mħolli għall-ġurati fil-kors tal-Ġuri, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament li huma jkunu għamlu, wkoll jekk ma tkunx tabilfors taqbel mija fil-mija miegħu, jekk huma setgħu leġittimament u raġonevolment jaslu għall-verdett li jkunu waslu għalih. Jiġifieri, l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tinbidilx f'eżerċizzju ta' x'fehma kienet tasal għalih hi kieku kellha terġa' tgħarbel il-provi miġbura waqt is-smigħ tal-ġuri. Xogħol din il-Qorti huwa dak li tara jekk il-verdett milħuq mill-ġurija li tkun ġiet "*properly directed*", u fil-qafas tal-provi mressqa, setax jiġi raġonevolment u leġittimament milħuq minnhom. Jekk joħroġ li dak il-verdett tagħhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma taqilbux. Dan ma jfissirx li din il-Qorti ma jkollhiex għalfejn tifli wkoll il-provi mressqa matul il-ġuri, imma dan tagħmlu bil-għan li tkejjel l-eżerċizzju li għadu kemm issemma u mhux biex tibda b'eżerċizzju ta' apprezzament mill-ġdid miftum minn dak li jkun sar mill-ġurija. Din il-Qorti kellha tara sewwa x-xhieda li l-partijiet talbu li tkun traskritta wara li tressaq l-appell, u dan kellha tagħmlu għaliex riedet tifhem u tqis kif jixraq dan l-aggravju tal-appellant;

54. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant taħt din il-kawżali ma jreġix billi tara li hemm provi materjali tajbin biżżejjed biex juru li l-appellant kellu l-intenzjoni li joqtol lil Scicluna fil-ħin tal-inċident u li l-ġurati kienu raġonevoli meta qiesu li dik l-intenzjoni kienet sorretta mill-imsemmija provi;

55. Illi t-<u>tieni lment taħt it-tielet aggravju</u> l-appellant jerġa' jqanqal il-kwestjoni tad-difiża tal-estenwanti tal-passjoni istantaneja jew tal-aġitazzjoni tal-moħħ. Huwa jorbot l-argumenti mressqin minnu fl-ewwel aggravju maċ-ċirkostanzi li semma fl-ewwel ilment taħt it-tielet aggravju. Huwa jisħaq ħafna fuq l-istat ta' aġitazzjoni qawwija tal-moħħ li kellu sa minn qabel ma wasal fl-appartament tal-vittma u li ssokta meta telaq kif kien sal-Għassa ta' San Ġiljan biex jgħarraf lill-Pulizija x'kien ġara u x'kien ħalla warajh f'dak l-appartament. Huwa jgħid li, minħabba li l-ġurija kienet indirizzata ħażin mill-ewwel Qorti fl-indirizz tagħha, instab ħati ħażin fuq il-fatti li kienu juru li, għall-każ tiegħu, kienu jgħoddu l-estenwanti maħsuba taħt l-artikolu 227(ċ) tal-Kodiċi Kriminali;

56. Illi dwar dan it-tieni ilment, il-Qorti ttenni l-kunsiderazzjonijiet li għamlet meta kienet qiegħda tqis l-ewwel aggravju tal-appellant jgħoddu wkoll, *mutatis mutandis*, u ssib li jgħoddu hawnhekk ukoll;

57. Illi minħabba f'dawn ir-raġunijiet kollha, il-Qorti qiegħda tiċħad it-tielet aggravju tal-appellant bħala mhux mistħoqq;

58. Illi fir-**raba' aggravju** l-appellant jilminta dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Jibda biex jgħid li l-verdett ma kienx wieħed unanimi u għalhekk il-piena ta' ħabs għal għomru hija waħda eċċessiva u ma messhiex ingħatat. Hawnhekk ukoll jilminta li l-ewwel Qorti ma mxietx b'imparzjalita' f'dan ir-rigward u ma wriet l-ebda fehma li tħaddem id-diskrezzjoni li tagħniha biha l-liġi li teroga piena ta' ħabs għal żmien aqsar[9]. Biex isaħħaħ dan l-argument, l-appellant isemmi ċirkostanza li l-ewwel Qorti semmiet fis-sentenza appellata dwar il-kunsiderazzjonijiet tagħha tal-piena li kellha tapplika, u jgħid li dik iċ-ċirkostanza msemmija tissarraf f'ċensura gravi fuq qorti oħra bla ma ngħatat il-possibilita' li jsir eżami taċ-ċirkostanzi li wasslu għal dak li kien deċiż. Jgħid li dik ir-rimarka tixhed nuqqas ta' serenita' fl-imħallef li ta s-sentenza appellata. Filwaqt li jaċċetta li kellu jħallas ta' dak li għamel, jisħaq li huwa jrid li jsir ħaqq miegħu, imma jgħid li l-ewwel Qorti ma tatx widen għal dan qabel ma' tat is-sentenza li minnha issa qiegħed jappella;

59. Illi l-Qorti tqis li jixraq ittenni li, waqt it-trattazzjoni ta' l-appell, l-għaref difensur tal-appellant ġibdilha l-attenzjoni għall-implikazzjonijiet legali marbutin mal-għoti tal-piena tal-għomor, fid-dawl tal-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, magħduda persuni fil-qagħda tiegħu li nstabu ħatja minn Qorti wara proċess ġudizzjarju. Huwa semma l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li stħarrġet l-għoti ta' piena ta' għomor il-ħabs fil-qafas tal-jedd li bniedem m jkunx suġġett għal trattament inuman jew degradanti kif imħares bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni[10];

60. Illi min-naħa tiegħu, l-appellat Avukat Ġenerali jillimita ruħu biex jgħid li l-fatt li l-verdett ma kienx wieħed unanimi, ma jfissirx li l-ewwel Qorti ma setgħetx tagħti l-piena li tat jew li l-piena erogata kienet waħda lil hinn mill-parametri aċċettabbli. Huwa jżid jgħid li, fil-fehma tiegħu, ma ngħatat l-ebda raġuni tajba li għaliha din il-Qorti għandha tiddisturba l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti, u dan fid-dawl taċ-ċirkostanzi li d-delitt li tiegħu l-appellant instab ħati ġie mwettaq;

61. Illi l-Qorti tibda biex tqis li, meta ssib quddiemha aggravju dwar il-piena li tkun tat qorti tal-Ewwel Istanza, it-tiftix li trid tagħmel huwa dak jekk l-imsemmija piena tkunx taqa' fil-parametri ta' dak li tipprovdi l-liġi dwar ir-reati li dwarhom dik il-qorti tkun sabet il-ħtija. Jekk dik il-piena ssib

[9] Art. 492(2) tal-Kap 9
[10] Q.E.D.B. (GC) **9.7.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Vinter et vs Renju Unit*** (Applik. Nri. 66069/09; 130/10; 3896/10)

postha f'dawk il-parametri, ġeneralment din il-Qorti ma tibdilhiex, l-iżjed jekk id-diskrezzjoni wiesgħa mogħtija mil-liġi nfisha lill-ewwel Qorti tkun imfissra u motivata sewwa fis-sentenza appellata u sakemm ma jkunx hemm fatturi u ċirkostanzi li jiddettaw il-bidla f'dik il-piena;

62. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ħareġ li l-verdett tal-ġurija ma kienx wieħed unanimi u, fil-liġi[11], ċirkostanza bħal din tagħti lill-Qorti li tkun semgħet il-Ġuri d-diskrezzjoni li tapplika piena ta' ħabs 'il fuq minn tnax-il (12) sena u mhux l-għomor fil-ħabs;

63. Illi l-ewwel Qorti semmiet din iċ-ċirkostanza u tat ukoll ir-raġunijiet li wassluha biex tagħżel li ma tħaddimx id-diskrezzjoni mogħtija lilha mil-liġi u erogat l-ogħla piena tal-għomor fil-konfront tal-appellant;

64. Illi din il-Qorti tinnota wkoll li l-ewwel Qorti ma bagħtet l-ebda rakkomandazzjoni fir-rigward tal-piena inflitta lill-appellant għall-finijiet tal-artikolu 493 tal-Kodiċi Kriminali;

65. Illi din il-Qorti qieset sewwa s-sottomissjonijiet imressqin mill-appellant u kif ukoll mill-appellat Avukat Ġenerali u kejlithom mal-konsiderazzjonijiet dettaljati li fuqhom l-ewwel Qorti qatgħetha li tagħti l-piena li minnha jilmenta l-appellant. L-appellant jirreferi għall-"predispożizzjoni" tal-ewwel Qorti kontra t-tħaddim tad-diskrezzjoni li ma tagħtihx il-piena ta' sentenza ta' għomor fil-ħabs u jorbtu mal-aggravji li ressaq dwar il-mod kif l-ewwel Qorti mxiet matul il-Ġuri. Iżid isemmi wkoll li, fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għaddiet rimarki dwar it-teħid ta' provvediment minn imħallef ieħor wara talba li kienet saret minn *probation officer* ftit jiem qabel ma seħħ il-każ, u li l-ewwel Qorti qalet li, kieku ngħata provvediment mod ieħor, Josette Scicluna kienet tkun għadha ħajja. Huwa jqis li dik ir-rimarka tal-ewwel Qorti kienet barra minn postha u tikkostitwixxi disprezz lejn deċiżjoni ta' qorti oħra. Semma wkoll li huwa kien stqarr in-nuqqasijiet tiegħu sa mill-bidunett, imma ma riedx jinnegozja piena anqas billi jissagrifika l-linja difensjonali tiegħu li huwa ma kellux l-intenzjoni speċifika li joqtol;

66. Illi l-Qorti tapprezza l-argument tal-appellant u tqis li tali rimarka la kienet f'waqtha u lanqas meħtieġa biex issejjes ir-raġunament tal-ewwel Qorti dwar liema piena kellha tapplika għall-każ. Huwa minħabba f'hekk, madankollu, li din il-Qorti ma tqisx li l-ilment tal-appellant dwar il-piena mogħtija huwa mistħoqq: sewwasew, għaliex dik ir-rimarka ma kenitx ir-raġuni waħdanija jew imqar determinanti li wasslet lill-ewwel Qorti tagħti l-piena li tat. Ir-raġunijiet mogħtijin mill-ewwel Qorti kienu oħrajn, u kien hemm

[11] Art. 492(2) tal-Kap 9

aktar minn raġuni waħda, li ssemmew u li jidhru fl-atti tal-kawża. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha terġa' toqgħod issemmihom waħda waħda u tikkummenta dwarhom. Fil-fehma ta' din il-Qorti, huma raġunijiet li jfissru ċar biżżejjed x'wassal lill-ewwel Qorti teroga l-ogħla piena possibbli għar-reati li tagħhom l-appellant instab ħati. Fuq kollox, huma raġunijiet li din il-Qorti ssib li kienu jaqgħu sewwa fil-qafas ta' razjoċinju raġonevoli u mistenni li setgħet tadotta l-ewwel Qorti meta l-fatti li kienu riżultanti quddiemha jitqabblu mal-pwieni preskritti mil-liġi;

67. Illi, għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-piena li l-appellant kien kundannat iservi u li dwarha ressaq dan l-aggravju kienet piena li jistħoqqilha ċ-ċensura ta' din il-Qorti bħala waħda li ma kenitx toqgħod għall-każ jew li dwarha l-appellant taha raġunijiet tajbin biżżejjed biex tibdilha għal waħda aktar moderata;

68. Illi, minkejja dan, jifdal il-kunsiderazzjoni dwar l-effetti u r-riperkussjonijiet tas-sentenza inflitta fuq l-appellant fid-dawl tal-aspetti ta' jedd fundamentali. Kif issemma qabel, din il-Qorti sarilha rikjam mill-għaref difensur tal-appellant, dwar żviluppi ġurisprudenzjali fir-rigward tal-effetti ta' piena ta' għomor fil-ħabs fil-qafas tal-ħarsien ta' jeddijiet fundamentali tal-persuna misjuba ħatja, wkoll fejn ir-reat ikun wieħed kiefer u ta' min jistmerru;

69. Illi din il-Qorti tagħraf li l-għoti ta' piena karċerarja taqdi żewġ għanijiet: waħda punittiva li taħseb li tagħti kastig għar-reat li jkun twettaq, u għalhekk, sa ċertu punt, riparatriċi tal-ħsara li tkun ġabet lil ħaddieħor jew lil ġidu, jew preventiva ta' ħsara li tista' ssir lil ħaddieħor f'każ li l-ħati jtenni jwettaq il-ħsara; u l-oħra riformatriċi, fejn il-persuna misjuba ħatja "tingħata lezzjoni" bil-għan li titgħallem min-nuqqasijiet tagħha bit-tama li tinbidel u eventwalment terġa' ssib postha fi ħdan is-soċjeta'. Fil-każ tal-piena ta' għomor fil-ħabs, imħaddma b'mod inflessibbli, tista' titqajjem il-kwestjoni tan-nuqqas ta' ħarsien ta' dan it-tieni aspett. Minħabba f'hekk, f'dawn l-aħħar żminijiet tqajmet fil-Qrati l-kwestjoni dwar jekk piena bħal dik iġġibx ksur tal-jedd fundamentali li l-ebda persuna, lanqas waħda li tkun instabet ħatja ta' reat wara proċess ġudizzjarju xieraq, ma għandha tingħata trattament inuman jew degradanti;

70. Illi f'Malta l-kwestjoni tieħu xejra iżjed ħajja minħabba li, ġeneralment, ma jeżistix sistema statutorju li jagħti lok għal reviżjoni tal-ogħla piena karċerarja, lil hinn mill-każijiet limitati maħsuba mil-liġi fl-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u l-artikoli 493 u 494 tal-Kodiċi Kriminali u li lkoll jiddependu minn tħaddim ta' diskrezzjoni eżekuttiva jew amminstrattiva;

71. Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li, għalkemm f'din is-sede mhijiex qiegħda tistħarreġ xi lment ta' ksur ta' jedd fundamentali, ma tridx li tħalli li din is-sentenza jew dik li minnha sar appell jirfsu b'xi mod il-jeddijiet tal-appellant. Minħabba f'hekk, ma tħossx li tista' twarrab kunsiderazzjonijiet rilevanti li l-Qorti Kostituzzjonali ħadet dan l-aħħar f'każ li jirrigwarda wkoll ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali fir-rigward ta' persuna li kienet ikkundannata għall-piena ta' għomor il-ħabs minn din il-Qorti. F'dik is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali saħqet li "*l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jiddetta li għandu jkun hemm mekkaniżmu ta' reviżjoni li jesiġi minn għand l-awtoritajiet kompetenti domestiċi li jaċċertaw ruħhom, fuq l-iskorta ta' kriterji oġġettivi stabiliti minn qabel u li l-persuna ikkundanata għal għomorha l-ħabs tkun ġiet mgħarrfa bihom meta ġiet imposta s-sentenza għall-għomor, jekk matul l-eżekuzzjoni tas-sentenza seħħewx bidliet sinjifikanti tali fil-persuna ikkundannata għal priġunerija għal għomorha u seħħx fih progress tali lejn ir-rijabilitazzjoni li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni ma tkunx aktar ġustifikabbli a bażi ta' konsiderazzjonijiet leġittimi penoloġiċi. Fin-nuqqas ta' tali mekkaniżmu, anke jekk tkun teżisti l-prospettiva tar-rilaxx, is-sentenza għall-għomor ma tkunx tista' titqies bħala riduċibbli għall-għanijiet tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni*"[12]. F'dan ir-rigward, il-Qorti Kostituzzjonali kienet qiegħda timxi fuq il-pronunċjamenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' sentenzi li ngħataw minnha f'dawn l-aħħar snin fuq dan is-suġġett[13];

72. Illi, wara li l-Qorti Kostituzzjonali stħarrġet l-effikaċja tal-prerogattiva (presidenzjali) tal-maħfra u s-sistema tal-'*prison leave*' kif jinsabu regolati llum il-ġurnata, waslet għall-fehma li dawn ma jagħtux lill-persuna ikkundannata għall-piena tal-għomor fil-ħabs il-garanziji li ma jġibux fis-seħħ ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Żiedet tgħid li "*sabiex sentenza għall-għomor tkun komptibbli mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u mal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li jkun hemm prospett ta' rilaxx <u>kif ukoll</u> possibilita' ta' reviżjoni tas-sentenza*"[14] u sabet li sentenza bħal dik mingħajr ebda possibilita' ta' reviżjoni tal-qagħda tal-ikkundannat kienet tikser kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni;

73. Illi, kif ingħad qabel, fil-każ tal-lum, l-ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant għall-imsemmija piena tal-għomor bi tliet (3) perjodi ta' reklużjoni, u ma ressqet l-ebda rakkomandazzjoni taħt l-artikoli 493 u 494 tal-Kodiċi Kriminali. Ladarba sa llum ma jidhirx li tfasslu kriterji fil-liġi biex

---

[12] Kost. **7.11.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Ben Hassine Ben Ali Wahid vs L-Onor. Prim Ministru et*** §37
[13] Ara b'eżempju, Q.E.D.B. **12.12.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04); Q.E.D.B. **9.7.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Vinter et vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 66069/09); Q.E.D.B. **20.5.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Laszlo Magyar vs Ungerija*** (Applik. Nru. 73593/10); Q.E.D.B. **8.7.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Harakchiev & Tolumov vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 15018/11) u Q.E.D.B. **26.4.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Murray vs Olanda*** (Applik. Nru. 10511/10)
[14] Kost. **7.11.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Ben Hassine Ben Ali Wahid vs L-Onor. Prim Ministru et*** §50

jaħsbu għal qagħda bħal din fejn tidħol il-possibilita' ta' reviżjoni tal-piena li għaliha kien ikkundannat l-appellant, din il-Qorti jidhrilha li jixraq li tieħu provvediment li jindirizza tali nuqqas fil-liġi. Hawnhekk ukoll il-Qorti terġa' tirreferi għall-gwida provduta mill-Qorti Kostituzzjonali fi provvediment mogħti minnha dwar il-każ li ssemma qabel[15] u tordna li, mal-għeluq tal-perjodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena minn mindu ngħatat is-sentenza appellata u sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet espressi ta' liġi li jgħidu mod ieħor, il-każ tal-appellant jitressaq quddiem il-Bord tal-*Parole* imwaqqaf taħt l-Att tal-2011 dwar il-Ġustizzja Riparatriċi[16] li jkollu s-setgħa u d-dmir li jwettaq dak ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ imsemmi;

74. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant u tikkonferma għal kollox is-sentenza li minnha appella, b'dan illi għall-finijiet tal-piena ta' għomor il-ħabs inflitta bis-sentenza appellata, l-appellant għandu jibbenefika mill-mekkaniżmu maħsub fil-liġi, jew, fin-nuqqas ta' dan, minn miżuri u kriterji stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Qorti Kostituzzjonali li jippermettu lill-appellant li jitlob ir-reviżjoni tal-piena jew it-tnaqqis tas-sentenza jekk kemm-il darba jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa biex dan isir.

**Joseph R. Micallef**
**Imħallef**
**Aġent President**

**Abigail Lofaro**
**Imħallef**

**Joseph Zammit McKeon**
**Imħallef**

[15] Kost. **28.4.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Ben Hassine Ben Ali Wahid vs L-Onor. Prim Ministru et***
[16] Att XXI tal-2011 (Kap 516) art 8.